MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 78/2005

Bartolomeo Camilleri, Doris Camilleri, John Camilleri, Carmelo Mizzi, Anthony Mizzi, Maureen Sulman u Adrian Wilkins

Vs

John Saliba

Rat ic-citazzjoni prezentata fis-26 ta’ Awwissu 2005 li permezz taghha l-atturi qeghdin isostnu li l-konvenut ikkommetta spoll meta ghamel gallerija, wahhal *aircondition unit*, kif ukoll xi pajpijiet u drain mill-fond tieghu li jaghtu ghal fuq sqaq privat li hu komuni bejn l-atturi.

Ghalhekk talbu lill-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin b'dannu ta' l-atturi meta ghamel gallarija, wahhal wahhal *aircondition* unit, kif ukoll xi pajpijiet u drain mill-fond tieghu li jaghtu ghal fuq sqaq privat li hu komuni bejn l-atturi.
2. Tikkundanna lill-konvenut jnehhi l-ispoll fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat mill-qorti.
3. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas jaghmlu x-xogholijiet huma a spejjez tal-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut fid-19 ta' Jannar 2006 (fol. 38) fejn eccepixxa:

1. Il-konvenut ma kienx gie notifikat ghaliex it-tentattivi li kienu qeghdin jaghmlu l-atturi kien fi triq zbaljata.
2. In-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-qorti minhabba l-privilegum fori.
3. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex jonqsu l-elementi rikjesti mil-ligi.
4. M'huwiex minnu li l-konvenut qatt ma kellu drittijiet fuq l-isqaq in kwistjoni.
5. Fir-rigward tal-gallarija l-konvenut kien igawdi prospett ghal fuq dan l-isqaq minn terrazzin accessibbli minn tarag mill-fond tieghu u kull ma ghamel kien iron railing li jservi ta' lqugh ghat-terrazzin.
6. il-pajpijiet u drains jikkonsistu biss f'toqba li tiehu l-ilma tax-xita zejjed mill-proprjeta' tal-konvenut.
7. F'kull kaz l-atturi ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez in kwantu l-konvenut kien iddikjara f'ittra ufficjali kien iddikjara li ser inehhi l-unit.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat:-

1. Ghal dik li hi eccezzjoni dwar *privilegum fori* ma tressqu l-ebda provi min-naha tal-konvenut u f'kull kaz mill-atti tal-kawza hu evidenti li ma baqax jinsisti fuq din l-eccezzjoni.

2. Mill-atti hu wkoll evidenti li fil-mori ta' din il-kawza l-kontendenti lehqu lehqu ftehim fis-sens li l-konvenut ser

inehhi l-affarijiet li dwarhom ghandhom l-ilmenti ta' l-atturi. Fis-seduta tal-lum id-difensuri tal-partijiet ikkonfermaw li kull ma fadal xi jsir kien li jitnehha r-*railing* tal-hadid li hemm fil-gallarija li tidher fir-ritratt a fol. 85 u jittella' hajt skond il-ligi. Spjegaw ukoll li hemm qbil li l-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet. Fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2008 il-konvenut xehed: ***"Jiena nikkonferma ukoll illi fir-rigward tar-railing tal-hadid li jidher fl-istess ritratt a fol. 85 tal-process jiena min-naha tieghi qed nobbliga ruhi li dan ir-railing innehhih u minfloku ntella' hajt tal-kantun bhala opramorta."*** (fol. 137). F'kull kaz, fil-mertu jirrizulta mill-provi li fir-rigward tar-*railing* tal-gallarija l-atturi ghandhom raguni[1].

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet ta' l-atturi b'dan li l-konvenut qieghed jinghata sal-hmistax (15) ta' Dicembru elfejn u tmienja (2008) sabiex inehhi r-*railing* tal-hadid fil-gallarija li tidher a fol. 85 tal-process u li qieghed jaghti ghal fuq l-isqaq in kwistjoni, u jtella' l-hajt fl-gholi kontemplat mil-ligi. Fin-nuqqas il-qorti qeghda tawtorizza li x-xogholijiet isiru mill-atturi ghas-spejjez tal-konvenut.

Spejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ezempju l-affidavit ta' Maureen Sulman (fol. 56).